



L-UE għandha tiffirma Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Grupp tal-FSE tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika

Fl-1 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill awtorizza, f'isem l-UE, l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim ta' sħubija ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Grupp tal-FSE tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC). Il-grupp tal-FSE tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika hu magħmul mill-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u s-Swaziland.

lċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-FSE bejn l-SADC u l-UE għandha ssir f'Kasane (il-Botswana) fl-10 ta' Ġunju 2016.

Il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika huma maħsuba biex isaħħu l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP). Huma bbażati fuq il-prinċipju tal-ftuħ asimetriku tas-suq, jiġifieri jipprovdu aċċess aħjar għas-suq tal-UE lis-sħab tal-AKP. B'mod partikolari, joffru opportunitajiet tas-suq mingħajr preċedent għall-prodotti agrikoli u tas-sajd. Il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika jieħdu post ir-reġim ta' aċċess għas-suq preċedenti ta' preferenzi unilaterali għall-pajjiżi tal-AKP.

- [Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika \(informazzjoni ġenerali\)](#)
- [South African Development Community](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press